**Is-Sitt Sena Il-Malti** **(Il-Fehim mis-Smigħ)**

**Il-Ħin: 20 minuta**

***Eżami ta' Nofs is-Sena Frar 2011***

**Il-Karta tal-Għalliema**
**Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ**

**Ir-Riżorsi:**

1. It-test li jinqara.
2. Il-karta tal-mistoqsijiet.
3. Riga u lapes.

Jitqassmu l-karti bil-mistoqsijiet u t-tfal jintalbu jiktbu isimhom, kunjomhom u l-isem tal-klassi.

**L-għalliema jgħidu lill-istudenti li:**

**1** Il-karta għandha tinżamm wiċċha 'l isfel.
Ser jinqralhom dan it-test.
Għandhom jisimgħu b'attenzjoni waqt dan l-ewwel qari.
Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan il-qari. **3 minuti**

**2** Jaqilbu l-karta bil-mistoqsijiet wiċċha 'l fuq.
L-għalliema jaqrawlhom għal darba l-mistoqsijiet waqt li t-tfal jaqrawhom f'qalbhom imma ma jiktbu xejn. **3 minuti**

**3** Jaqilbu l-karta tal-mistoqsijiet wiċċha 'l isfel u jisimgħu t-tieni qari tas-silta.
Ma jwieġbu xejn u ma jiktbu xejn waqt dan it-tieni qari. **3 minuti**

**4** Għandhom jerġgħu jaqilbu l-karta wiċċha 'l fuq.
Għandhom iwieġbu billi jagħmlu sing taħt it-tweġiba t-tajba.
Jimmarkaw waħda biss għal kull mistoqsija. **5 minuti**

**5** Ser jinqralhom it-test għat-tielet darba.
Jistgħu jkomplu xi mistoqsijiet li ħallew barra waqt dan it-tielet qari. **3 minuti**

**6** Jiċċekkjaw it-tweġibiet, ikomplu dawk li m'għamlux u jkunu ċerti li mmarkaw waħda bħala tweġiba. **3 minuti**

Ir-razzett tan-nannu Ġużi kien tassew wieħed mill-isbaħ irziezet li kien hemm fir-raħal kollu. Fl-antik dan il-post kien iservi biex fih jgħammru l-annimali li kellu missier in-nannu, bħal mogħoż, nagħaġ u oħrajn.

Xhieda ta' dan huma t-twieqi żgħar li għad hemm mal-faċċata tar-razzett. Dawn it-twieqi kienu magħmulin żgħar apposta sabiex l-annimali setgħu joħorġu rashom minnhom u jieħdu ftit arja friska.

Waħda minn dawn it-twieqi kienet f'kamra li kienet isservi ta' stalla għaż-żiemel tal-ħart u oħra li kien hemm fejn il-bitħa kienet tintuża bħala maħżen għas-silla u t-tiben.

Illum il-ġurnata l-kamra ta' fejn kien hemm iż-żiemel inbidlet f'kamra tal-ikel u fejn dari kienu jgħixu l-mogħoż u l-bhejjem l-oħra, illum issib il-kamra tas-sodda tan-nannu.

Kif titla' t-taraġ li kien hemm fuq in-naħa ta' quddiem tar-razzett kont issib tilqgħek grada żgħira tal-ħadid miżbugħa lewn il-fidda.

Wara din il-grada kien hemm il-bieb ta' barra u hekk kif tidħol ġewwa dlonk kont issib ruħek ġo kuritur wiesa', li tista' tgħid dan kien jinfed mal-kmamar kollha tar-razzett.

B'kollox dan ir-razzett kellu sitt ikmamar, tnejn fejn il-bitħa interna li kien hemm fuq in-naħa ta' ġewwa, tnejn fuq il-bejt u tnejn oħra fl-għelieqi.

Dawn kienu jikkonsistu fi kċina u kamra tal-ikel, kamra tal-banju mdaqqsa, il-kamra tas-salott fejn in-nannu kien jilqa' l-mistednin tiegħu u żewġt ikmamar tas-sodda li waħda minnhom ma kienet tinfetaħ kważi qatt.

Dawk ta' fejn il-bitħa kienu jintużaw għall-imbarazz u biex xi kultant jaqli xi fenek biex ma jħammiġx il-kċina ta' ġewwa u t-tnejn l-oħra ta' fuq il-bejt kienu mimlija kaxxi u storbju ieħor u biex tgħaddi għalihom kien ikollok titla' minn taraġ tal-ġebel li kien hemm fil-bitħa stess.

(Silta meħuda mill-ktieb Il-Misteru tal-Ħondoq ta' Charles Zarb)

**Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. In-nannu kien jismu
   - Ġamri.
   - Ġużi.
   - Ġanni.
   - Ġiljan.

2. Ir-razzett tan-nannu kien
   - l-uniku razzett fir-raħal.
   - wieħed mill-isbaħ irziezet fir-raħal.
   - l-isbaħ razzett fir-raħal.
   - l-ikreh razzett fir-raħal.

3. L-annimali li jissemmew li kienu jgħammru f'dan il-post huma:
   - mogħoż, nagħaġ u oħrajn.
   - fniek, tiġieġ u oħrajn.
   - żwiemel, baqar u oħrajn.
   - klieb, qtates u oħrajn.

4. Nafu li fir-razzett kien hemm l-annimali minħabba:
   - it-twieqi żgħar fil-faċċata.
   - it-twieqi kbar fil-faċċata.
   - it-twieqi tondi fil-faċċata.
   - it-twieqi kwadri fil-faċċata.

5. Dawn it-twieqi kienu magħmulin hekk sabiex l-annimali:
   - joħorġu minnhom.
   - jieklu.
   - jieħdu ftit arja friska.
   - jixorbu.

6. Waħda minn dawn it-twieqi kienet f'kamra li kienet isservi ta'
   - stalla għall-ħanżir.
   - stalla għaż-żiemel tal-ħart.
   - stalla għall-bodbod.
   - stalla għall-barri.

7. Il-kamra l-oħra kienet tintuża bħalha
   - stalla.
   - kamra tal-moħriet.
   - maħżen.
   - kamra għall-mistrieħ.

8. Illum il-kamra ta' fejn kien hemm iż-żiemel qed tintuża bħalha
   - kamra tal-ikel.
   - kamra tas-sodda.
   - kamra tal-banju.
   - salott.

9. Fejn illum hemm il-kamra tas-sodda tan-nannu, dari kienu jgħixu fiha
   - s-sriedaq u l-fniek.
   - il-ħnieżer u l-baqar.
   - iż-żiemel.
   - il-mogħoż u l-bhejjem l-oħra.

10. Il-grada tal-ħadid li kien hemm fis-sular ta' fuq kienet lewn
    - id-deheb.
    - kannella.
    - ħadrani.
    - il-fidda.

11. B'kollox dan ir-razzett kellu fih
    - sebat ikmamar.
    - tmint ikmamar.
    - disat ikmamar.
    - sitt ikmamar.

12. Fis-salott in-nannu kien
    - jiekol.
    - jilqa' lill-mistednin tiegħu.
    - jorqod.
    - jinħasel.

13. Fir-razzett kien hemm
    - ħamest ikmamar tas-sodda.
    - żewġt ikmamar tas-sodda.
    - kamra tas-sodda waħda.
    - tlett ikmamar tas-sodda.

14. Waħda mill-kmamar tas-sodda
   - kienet tinfetaħ kuljum.
   - kienet tinfetaħ ftit.
   - kienet dejjem miftuħa.
   - ma kienet tinfetaħ kważi qatt.

15. Fil-kamra tal-bitħa n-nannu kien jaqli ____________________

*Tweġibiet*

**Aħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba.**

1. In-nannu kien jismu

    Ġamri.
    Ġużi.
    Ġanni.
    Ġiljan.

2. Ir-razzett tan-nannu kien

    l-uniku razzett fir-raħal.
    wieħed mill-isbaħ irziezet fir-raħal.
    l-isbaħ razzett fir-raħal.
    l-ikreh razzett fir-raħal.

3. L-annimali li jissemmew li kienu jgħammru f'dan il-post huma:

    mogħoż, nagħaġ u oħrajn.
    fniek, tiġieġ u oħrajn.
    żwiemel, baqar u oħrajn.
    klieb, qtates u oħrajn.

4. Nafu li fir-razzett kien hemm l-annimali minħabba:

    it-twieqi żgħar fil-faċċata.
    it-twieqi kbar fil-faċċata.
    it-twieqi tondi fil-faċċata.
    it-twieqi kwadri fil-faċċata.

5. Dawn it-twieqi kienu magħmulin hekk sabiex l-annimali:

    joħorġu minnhom.
    jieklu.
    jieħdu ftit arja friska.
    jixorbu.

6. Waħda minn dawn it-twieqi kienet f'kamra li kienet isservi ta'

    stalla għall-ħanżir.
    stalla għaż-żiemel tal-ħart.
    stalla għall-bodbod.
    stalla għall-barri.

7. Il-kamra l-oħra kienet tintuża bħalha

stalla.
kamra tal-moħriet.
maħżen.
kamra għall-mistrieħ.

8. Illum il-kamra ta' fejn kien hemm iż-żiemel qed tintuża bħalha

kamra tal-ikel.
kamra tas-sodda.
kamra tal-banju.
salott.

9. Fejn illum hemm il-kamra tas-sodda tan-nannu, dari kienu jgħixu fiha

s-sriedaq u l-fniek.
il-ħnieżer u l-baqar.
iż-żiemel.
il-mogħoż u l-bhejjem l-oħra.

10. Il-grada tal-ħadid li kien hemm fis-sular ta' fuq kienet lewn

id-deheb.
kannella.
ħadrani.
il-fidda.

11. B'kollox dan ir-razzett kellu fih

sebat ikmamar.
tmint ikmamar.
disat ikmamar.
sitt ikmamar.

12. Fis-salott in-nannu kien

jiekol.
jilqa' lill-mistednin tiegħu.
jorqod.
jinħasel.

13. Fir-razzett kien hemm

ħamest ikmamar tas-sodda.
żewġt ikmamar tas-sodda.
kamra tas-sodda waħda.
tlett ikmamar tas-sodda.

14. Waħda mill-kmamar tas-sodda kienet tinfetaħ kuljum.
kienet tinfetaħ ftit.
kienet dejjem miftuħa.
ma kienet tinfetaħ kważi qatt.

15. Fil-kamra tal-bitħa n-nannu kien jaqli *l-fenek.*

**Total ta' marki: 15-il marka**